# Linji Gwida għall-Iskema Nazzjonali tal-Benessri tal-Ħnieżer

**Kontenut:**

1. Introduzzjoni ... 2
2. Bażi Legali ... 3
3. Rekwiżiti/Kundizzjonijiet/Impenji Ġenerali ... 4
4. Eliġibbiltà/Kundizzjonijiet ta' Dħul ... 6
4.1 X'jiġri jekk benefiċjarju ma jkunx jista' jwettaq l-impenji minħabba inċident ta' forza maġġuri? ... 6
5. Kif jiġi kkalkulat il-ħlas? ... 7
6. Sospensjoni/Irtirar tal-appoġġ ... 8

AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

# 1. Introduzzjoni

F'konformità ma' Sezzjoni 1.1.5.2 tal-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna mill-Istat fis-Setturi tal-Agrikoltura u tal-Forestrija u fiż-Żoni Rurali mill-2014 sal-2020, l-għan ta' din l-iskema huwa li tingħata għajnuna lil intrapriżi attivi fis-settur tal-produzzjoni agrikola primarja li volontarjament iwettqu ċerti azzjonijiet speċifiċi biex itejbu l-benessri tal-annimali fir-razzett tagħhom.

Sabiex ikunu eliġibbli, dawn l-azzjonijiet iridu jmorru lil hinn mill-standards obbligatorji rilevanti stabbiliti skont l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolamenti dwar l-Istandards Minimi għall-Protezzjoni tal-Majjali (.L.S. 439.02).

Din l-iskema se tagħti għajnuna lill-produtturi tal-majjali biex iżidu l-ispazju għat-trobbija tal-majjali f'irziezet tal-majjal.

L-iskema maħsuba li tkun ibbażata fuq impenn multi-annwali fuq perjodu ta' ħames snin, li matulu r-raħħala li jipparteċipaw iridu jiżguraw li d-densità u l-ispazju disponibbli għall-majjala jissodisfaw id-dimensjonijiet stipulati mid-Direttorat għar-Regolamentazzjoni Veterinarja f'dawn il-linji gwida u fil-ftehim ta' għotja għall-iskema, kontra ħlas annwali predeterminat ibbażat fuq rata għal kull majjala eliġibbli kif determinata fil-ftehim ta' għotja.


**t**: +356 2292 6148
**e**: arpa.mafa@gov.mt **w**: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

## 2. Bażi Legali

- Kapitolu 146 tal-Liġijiet ta' Malta - Att dwar l-Għajnuna Finanzjarja lill-Industriji tal-Biedja u tas-Sajd.
- Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna mill-Istat fis-Setturi tal-Agrikoltura u tal-Forestrija u fiż-Żoni Rurali mill-2014 sal-2020 (2014/C 204/01), kif jista' jiġu emendati.


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta

## 3. Rekwiżiti/Kundizzjonijiet/Impenji Ġenerali

- L-Iskema hija maħsuba għal bdiewa attivi (kif definit f'Artikolu 9 tar-Regolament (EU) Nru 1307/2013) bi produzzjoni tal-majjal irreġistrata f'Malta;
- L-ebda għajnuna mhi se tingħata jew titħallas qabel in-notifika u l-approvazzjoni ta' din l-iskema mill-Kummissjoni Ewropea;
- L-iskema mhux se tapplika għal impriżi f'diffikultà;
- Ix-xogħlijiet fuq l-impenn rilevanti ma jridux jinbdew qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għajnuna taħt din l-iskema mill-bidwi lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA);
- Peress li l-għajnuna taħt din l-iskema tista' tingħata sal-31 ta' Diċembru 2025, u għalhekk lil hinn mid-data ta' applikazzjoni tal-Linji Gwida attwali dwar l-Għajnuna mill-Istat, l-iskema għandha tiġi adattata skont ir-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat applikabbli wara l-iskadenza tal-Linji Gwida attwali dwar l-Għajnuna mill-Istat;
- Il-bdiewa jkunu meħtieġa jżommu dokumentazzjoni rilevanti għall-azjenda tagħhom. Dawn se jkunu soġġetti għal verifiki u kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti u rilevanti inklużi l-Korp ta' Ċertifikazzjoni (IAID) u l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA);
- Il-bdiewa eliġibbli jridu jkunu rreġistrati fir-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS;
- L-applikanti se jkunu meħtiega jidħlu f'impenn ta' ħames snin. L-applikant huwa meħtieġ li jissottometti applikazzjoni annwali kull sena tal-impenn sakemm l-impenn ikun komplut. Jekk l-applikant jiddeċiedi li jwaqqaf l-impenn, hu jkollu jrodd lura l-fondi kollha mgħotija taħt din l-iskema;
- L-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni tal-Majjali(Leġiżlazzjoni Sussidjarja 439.02) jiddikjara li "l-wisa' totali inostakolata tal-art disponibbli għal kull majjala mgħammra (gilt) wara s-servizz u għal kull majjala meta dawk mgħammra (gilt) u, jew majjali nisa ikunu miżmuma fi gruppi għandhom ikunu tal-anqas 1,64 $m^2$ u 2,25 $m^2$ rispettivament. Meta dawn l-annimali jkunu miżmuma fi gruppi ta' anqas minn sitt individwi, il-wisa' inostakolata ta' art għandha tkunmiżjuda b'10%. Meta dawn l-annimali jkunu miżmuma fi gruppi ta' 40 jew aktar individwi, il-wisa' inostakolata ta' art tista' tkun imnaqqsa b'10%." F'Malta normalment il-majjala jinżammu fi gruppi ta' 5 għal kull maqjel u għalhekk huwa meħtieġ spazju minimu ta' 2.475 $m^2$ għal kull majjala. Biex l-applikanti jibbenefikaw minn din l-iskema jridu jipprovdu spazju addizzjonali ta' 10% jew aktar għal kull majjala, jiġifieri jipprovdu mill-inqas 2.73 $m^2$ ta' spazju mhux ostakolat għal kull majjala.


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

- Bħala riżultat ta' bidliet regolatorji li jikkonċernaw rekwiżiti ta' standard minimi msemmija fil-punt preċedenti u/jew bidliet fir-regolamenti tal-Politika Agrikola Komuni jew regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat li jaffettwaw direttament kwalunkwe mill-obbligi taħt din l-iskema, il-benefiċjarju jista' jew ikompli bl-impenn skont ir-regoli l-ġodda jew, jekk il-benefiċjarju ma jaċċettax jew ma jimplimentax l-aġġustamenti, l-impenn jiskadi u l-ammont tal-għajnuna għandu jitnaqqas għall-ammont tal-għajnuna li jikkorrispondi għall-perjodu sa l-iskadenza tal-impenn.

- Fejn l-għotja ta' għajnuna individwali taqbeż is-€60,000, l-identità tal-benefiċjarji individwali, il-forma u l-ammont ta' għajnuna mogħtija lil kull benefiċjarju, id-data tal-għoti, it-tip ta' impriża (SME/intrapriża kbira), ir-reġjun li fih jinsab il-benefiċjarju (fil-livell NUTS II) u s-settur ekonomiku prinċipali li fih il-benefiċjarju għandu l-attivitajiet tiegħu (fil-livell tal-grupp NACE),se jiġu ppublikati fuq is-sit nazzjonali tal-Għajnuna mill-Istat (https://eufunds.gov.mt/en/SAMB/Pages/SAMBHome.


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

## 4. Eliġibbiltà/Kundizzjonijiet ta' Dħul

- Bdiewa attivi b' rziezet attivi tal-majjal reġistrati mad-Direttorat għar-Regolamentazzjoni Veterinarja(VRD) b'mill-inqas 2 majjali nisa (kif irrappurtat fiċ-ċensiment tal-majjali nisa li sar fl-2018)
- L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mis-27 ta' Gunju, 2025, fejn jiddikjaraw l-ammont ta' majjali li għalihom qed intalabu l-appoġġ
- L-applikanti għandhom jissottomettu Formola tal-Ħlas Bankarju valida lill-ARPA

### 4.1 X'jiġri jekk benefiċjarju ma jkunx jista' jwettaq l-impenji minħabba inċident ta' forza maġġuri?

- Forza Maġġuri ġeneralment titqies li tfisser ċirkustanza abnormali jew imprevedibbli lil hinn mill-kontroll ta' detentur tall-proġett, li l-konsegwenzi tagħha ma setgħux jiġu evitati b'azzjoni raġonevoli. Każijiet ta' Forza Maġġuri għandhom jiġu notifikati bil-miktub lill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli uRurali, fi żmien ħmistax-il (15) jum tax-xogħol mid-data li fiha l-benefiċjarju jew il-persuna inkarigata minnu, j/tinsab f'pożizzjoni li j/tagħmel dan. Wara konsultazzjoni, l-ARPA tiddeċiedi jekk taċċettax jew tiċħadx l-applikazzjoni. Jekk l-ARPA taċċetta t-talba ta' Forza Maġġuri, ma jkunx hemm konsegwenzi maġġuri.. Iżda jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda mill-ARPA, din tal-aħħar tista' tfittex li tirkupra jew tirtira l-fondi kollha relatati ma' din l-iskema.


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
Triq Hal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta
QUALITY SERVICE
ARPA AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

## 5. Kif jiġi kkalkulat il-ħlas?

- Din l-għajnuna hija għajnuna diretta bbażata fuq rata massima ta' €150 għal kull majjala u gilt
- Kull sena l-applikanti jridu jiddikjaraw l-ammont eliġibbli għall-iskema, imbagħad l-ARPA twettaq kontrolli fuq 5% tal-applikanti f'dan ir-rigward
- L-ARPA tista' tuża wkoll dejta mid-Direttorat għar-Regolamentazzjoni Veterinarja miġbura waqt spezzjonijiet uffiċjali
- L-għajnuna se tingħata kull sena, l-ARPA tista' tagħti ħlas bil-quddiem sa 40% lill-applikanti kollha u mbagħad toħroġ ħlas finali mal-finalizzazzjoni tal-verifiki fuq il-post għal dik is-sena.
- L-għajnuna se tiġi kkalkulata fuq l-inqas bejn l-ammont ipprovdut fil-ftehim ta' għotja, l-ammont iddikjarat fit-talba għall-ħlas annwali u l-ammont determinat bħala riżultat ta' kontrolli amministrattivi, verifiki fuq il-post u/jew informazzjoni pprovduta mid-Direttorat għar-Regolamentazzjoni Veterinarja.
- Sakemm matul il-ħajja tal-majjala, din mhux dejjem tinżamm fi gruppi, l-ARPA għandha tħallas skont il-mekkaniżmu previst fil-punt preċedenti. Waqt il-verifiki fuq il-post għandha tiġi ddeterminata jekk, fiż-żmien tal-verifika, iż-żona minima għal kull majjala/gilt li tkun qed tinżamm fi gruppi kif previst fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.02 huwiex jigi pprovdut minimu ta' 2.73 $m^2$ mhux ostakolata għal kull majjala/gilt.


t: +356 2292 6148
e: arpa.mafa@gov.mt w: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**

QUALITY SERVICE
ARPA
AGRICULTURE AND RURAL PAYMENTS AGENCY

## 6. Sospensjoni/Irtirar tal-appoġġ

- L-ARPA tista' tissospendi jew tirtira bis-sħiħ l-appoġġ meta jinstab nuqqas ta' konformità. Is-sospensjoni jew l-irtirar għandhom jitneħħew mill-ARPA hekk kif il-benefiċjarju jagħti prova għas-sodisfazzjon tal-ARPA li s-sitwazzjoni ġiet rimedjata.

- Is-sospensjoni tal-appoġġ se tiġi applikata f'każijiet fejn l-impenji u/jew obbligi oħra ma jiġux sodisfatti, u l-benefiċjarju huwa mistenni li jkun jista' jikkoreġi n-nuqqas ta' konformità. Jekk il-benefiċjarju ma jistax jirrimedja s-sitwazzjoni matul perjodu previst mill-ARPA, l-appoġġ għandu jiġi rtirat.

- L-ARPA se tissospendi l-għotja u/jew il-ħlas ta' kwalunkwe għajnuna taħt din l-iskema lil kwalunkwe impriża li tkun ibbenefikat minn għajnuna illegali preċedenti ddikjarata inkompatibbli b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni )kemm jekk hux għajnuna individwali jew għajnuna taħt skema ta' għajnuna li qed tiġi ddikjarata inkompatibbli), sakemm dik l-impriża tkun ħallset lura jew ħallset f'kont imblukkat l-ammont totali ta' għajnuna illegali u inkompatibbli u l-imgħax ta' rkupru korrispondenti.


**t**: +356 2292 6148
**e**: arpa.mafa@gov.mt **w**: www.arpa.gov.mt

**Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali**
**Triq Ħal Luqa, Qormi QRM9075 – Malta**